

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2022 – Contorno Textil vs EUIPO – Harmont & Blaine  
(GILBERT TECKEL)****(Kawża T-773/22)**

(2023/C 45/32)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrent:* Contorno Textil SL (Almedinilla, Spanja) (rappreżentanti: E. Sagrañes Coca u C. Sotomayor Garcia, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Harmont & Blaine SpA (Caivano, l-Italja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "GILBERT TECKEL" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 148 635*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Ottubru 2022 fil-Każ R 372/2022-4**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tibdel id-deċiżjoni kkontestata billi tiddikjara li l-Aplikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 18 148 635 għandha tiġi aċċettata għall-prodotti kollha fil-klassi 25 minħabba nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni, wara teħid inkunsiderazzjoni debitu tad-differenzi bejn is-sinjali;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, jew, alternattivament,
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' ċertezza legali.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2022 – TP vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-776/22)**

(2023/C 45/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet***Rikorrent:* TP (rappreżentanti: T. Faber, F. Bonke u I. Sauvagnac, avukati)*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-uffiċjal delegat li jawtorizza tal-Kummissjoni, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Riforma, dwar l-esklużjoni tagħha milli tipparteċipa fil-proċeduri ta' għoti rregolati mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>(1)</sup>, milli tintgħażel għall-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni u milli tipparteċipa fi proċeduri ta' għoti rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323<sup>(2)</sup>, adottata fl-1 ta' Ottubru 2022 u nnotifikata lir-rikorreni fit-3 ta' Ottubru 2022 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata");
- sussidjarjament, tissostitwixxi d-deċiżjoni kkontestata b'sanzjoni pekunjarja moderata addattata mal-involviment limitat tar-rikorreni fl-eżekuzzjoni tal-proġett;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas kumpens lir-rikorreni għad-danni mġarrba minħabba d-deċiżjoni kkontestata; u
- fkull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 136(1) tar-Regolament 2018/1046 billi tonqos milli tistabbilixxi l-fatti rilevanti neċessarji għall-ħruġ ta' deċiżjoni ta' esklużjoni kontra r-rikorreni, b'mod partikolari billi naqset milli tistabbilixxi li r-rikorreni – b'mod individwali – kienet ser twettaq nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi prinċipali fl-implimentazzjoni tal-kuntratt, konkluż bejn il-konsorzju li kienet tiffirma parti minnu u l-Kummissjoni, kif meħtieġ skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament 2018/1046.
2. It-tieni motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 136(3) tar-Regolament 2018/1046 u l-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, sa fejn:
  - is-sanzjoni ta' esklużjoni kontra r-rikorreni ma tilħaqx l-għan tas-sistema ta' identifikazzjoni u ta' esklużjoni bikrija stabbilita fir-Regolament 2018/1046,
  - is-sanzjoni ta' esklużjoni kontra r-rikorreni tinjora r-rwol subordinat tagħha fl-eżekuzzjoni tal-proġett ta' kostruzzjoni ta' networks ta' drenaġġ u ta' distribuzzjoni tal-ilma fil-belt ta' (Ċipru).
3. It-tielet motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali billi tilqa' b'mod retroattiv sanzjoni ta' esklużjoni skont ir-Regolament 2018/1046, li hija iktar severa mis-sanzjoni pekunjarja li l-uffiċjal jawtorizza msemmi iktar 'il fuq kien jadotta skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.<sup>(3)</sup>

<sup>(1)</sup> ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU L 60, 28.2.2019, p. 36.

<sup>(2)</sup> ĠU 2018, L 307, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU 2012 L 298, p. 1.